# L-Ordni ta' San Ġwann



*George Gregory Buttigieġ*
*KM, MD, LRCP(Eng), MRCS(Lond.), FP, FRCOG*

*Ambaxxatur Plenipotenzjarju tar-Repubblika ta' Malta għall-gvern tal-Ordni Sovrana Militari ta' Malta f'Ruma*
*Kavallier Gran Croce fl-Ubbidjenza tal-istess Ordni*

L-Ordni Sovrana Militari ta' San Ġwann ta' Ġerusalem ta' Rodi u ta' Malta għandha ġrajja li tmur lura sal-1098 – iżjed minn elf sena lura. Ġiet iffurmata mill-Beatu Ġerardu, raġel twajjeb minn Amalfi fl-Italja, li ried jgħin il-pellegrini li jmorru fl-Art Imqaddsa u jaqgħu morda jew b'xi mod jew ieħor jispiċċaw abbandunati wara li jkunu ġew attakkati mill-Misilmin. Ġerardu ried li jfittex dawk li jeħtieġu l-fejqan, il-konfort, il-ħniena, u jagħmel magħhom dak kollu li kien jagħmel li kieku kellu lil sidna Ġesù Kristu quddiemu. Ġabar madwaru numru ta' rġiel twajba – u 'l quddiem ukoll nisa – u dawn kienu jaħdmu qishom servjenti jew *nurses* – idewwu, jitimgħu, iwieżnu, isabbru – dejjem taħt il-prinċipji ta' Ġerardu: *Obsequium Pauperum* (Għajnuna lill-fqir) u *Tuitio Fidei* (il-ħarsien tal-fidi). Dawn kienu jsejħu lil kull min kien jeħtieġ il-ħniena u l-għajnuna tagħhom bħala "is-sinjuri tagħna, il-morda". U bħala emblema tal-Ordni tagħhom ħadu s-salib ta' tmien ponot b'dedika għat-tmien beautitudnijiet li s-sinjur Ġesù għallem skont kif jgħidilna l-Vanġelu ta' San Mattew. Din hija l-oriġini vera tas-salib tat-tmien ponot.

Il-ħolqien ta' fazzjoni militari fl-Ordni ta' San Ġwann inħalqet iżjed tard meta t-tieni mexxej tal-Ordni – Raymnd du Puy – ħass li kien hemm din il-ħtieġa. Fl-istess ħin l-ordni bidlet ir-regola tagħha minn waħda Agustinjana għal waħda Benedittina. Iżjed 'il quddiem din l-Ordni saret Ordni kavallereska b'rikjesti tan-nobbiltà għall-membri sħaħ. Dan kien minħabba l-fatt li dak iż-żmien kienet in-nobbiltà dik is-sezzjoni tas-soċjetà li hija ddedikata għall-gwerra. Imma mal-membri sħaħ nobbli kien hemm numru kbir ta' oħrajn li ma kinux nobbli imma jagħmlu wkoll parti sħiħa mill-Ordni ta' San Ġwann. L-iskopijiet baqgħu dejjem tnejn – il-ħniena mal-proxxmu li hu fil-ħtieġa, u l-gwerra qaddisa kif dak iż-żmien kienet tissejjaħ, jiġifieri l-gwerra għat-twemmin Kristjan kontra l-Islam. Iżjed tard iddaħħlu diveri rankijiet għall-membri kif meħtieġ għal kull eżerċtu militari.

Wieħed irid jifhem li dawn il-membri militari tal-Ordni kienu membri ta' eżerċtu veru u għalhekk kellhom jinħalqu diveri rankijiet u sezzjonijiet b'dixxiplina militari. Imma l-kavallieri ta' San Ġwann kienu dejjem membri sħaħ ta' għaqda reliġjuża – kienu patrijiet gwerriera dejjem lesti jagħtu demmhom għal Kristu. Dak iż-żmien kien daħal il-prinċipju tal-Patri-Gwerrier. Kien San Bernard ta' Clairvaux li biex jiddefendi t-twaqqif tal-Ordni Templara li ta saħħa lil din l-idea għal raġunjiet ta' difiża kontra l-għedewwa tal-Kristjaneżmu. Mhux l-awtoritajiet kollha kienu jaqblu ma' dan il-prinċipju tafux. Imma dak kien żmien aħrax u l-Islam kien qed jiknes kull ma jsib quddiemu. L-Art Imqaddsa kienet waqgħet f'idejn it-Torok Selguki – nies ħorox li kienu joqtlu lil kull min mhux Mislem u jkasbru l-postijiet imqaddsa bl-iżjed mod faħxi. F'qasir żmien il-kavallieri ta' San Ġwann bis-sopra vest aħmar u s-salib abjad kienu jnisslu biża' kbir fil-kamp tal-battalja għax l-għadu kien jaf li mhux biss qalbiena daqs l-iljuni imma li kienu jgħixu għal Alla tagħhom u lesti jmutu għaliH f'tebda t'għajn. Kien jingħad fuq il-kavallieri li fil-knisja jitolbu qishom ħrief u fil-battlaja jissieltu daqs iljuni.

U minkejja l-isem li l-Ordni għamlet fil-kamp tal-battalja, ma naqsu qatt l-iskopijiet tal-karità, tal-fejqan u tal-kura li għalihom kien oriġinalment ħalaqha l-fundatur tagħha. L-isptar enormi f'Ġerusalem kien jilqa' fih mhux biss il-pellegrin Kristjan, imma lil kull min kien jeħtieġ, inkluż ukoll il-Mislem. Aħbar għemilhom ġriet mal-Ewropa kollha, u minn hawn u minn hemm bdiet ġejja għajnuna finanzjarja kbira mingħand in-nobbli tal-Ewropa kif ukoll mingħand rejiet u ħakkiema oħra. Fil-15 ta' Frar 1113, il-Papa Paschal ta l-barka tiegħu fuq il-konfraternità tal-Ordni ta' San Ġwann u ġabha taħt il-ħarsien tal-Qdusija Tiegħu waqt li taha għal dejjem id-dritt li teleġġi lill-mexxejja tagħha.

Mill-kitbiet li jeżistu, nafu li l-Ordni ta' San Ġwann ma bdietx tieħu sehem fil-kampanja militari minn meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-membri tagħha jkunu patrijiet-gwerriera. Imma meta wasal dak iż-żmien tal-prova għemil l-Ordni ħabbibha mar-re ta' Ġerusalem li kien jinqeda kemm biha u kemm bl-Ordni Templara għall-kampanji militari. U f'qasir żmien l-ospidalieri u t-templari ġew jagħmlu parti kbira mill-armata ta'

Ġerusalem meta kien jinqala' l-gwaj – ħaġa li ma kinetx rari.

Għalkemm is-saħħa militari tal-Ordni ta' San Ġwann żdiedet u tkattret minn żmien għal żmien, l-ispirtu tal-kura u tal-fejqan, kif għedna tkattar ukoll u qatt ma naqas. Apparti l-isptar enormi f'Ġerusalem kellhom ukoll speċi ta' sistema tal-ewwel għajnuna fil-kampijiet tal-battalja. Anzi fir-regolamenti tagħhom kienu obbligati jiftakru li l-ispirtu tal-fejqan għandu jiġi dejjem l-ewwel qabel dak tal-gwerra. L-Ordni ta' San Ġwann flimkien ma' dik Templara tant kibru fil-kapaċità militari tagħhom, li r-renju ta' Ġerusalem sar dipendenti fuqhom għall-kampanji ta' difiża u ta' gwerra li kontinwament kien għaddej minnhom. B'hekk id-destin tal-Ordni ta' San Ġwann u dak Templar kien marbut mad-destin tar-Renju Latin ta' Ġerusalem. B'hekk naraw li l-Ordni kellha f'idejha bosta fortizzi u kastelli li hi kienet tista' tforni u żżomm bl-għajnuna tal-ġid li kien dejjem jintbagħat lilha mill-Ewropa.

Wara t-telfa tal-battalja ta' Hattin fl-1187 il-ħakma Kristjana tal-Artijiet Imqaddsa bdiet tmajna sa ma fl-1291 intilfef ukoll il-port ta' Akri u l-Ordni ta' San Ġwann mal-Ordni Templara spiċċat f'Ċipru. It-telfa tal-Art Imqaddsa kienet tmegħika kbira. Hawnhekk naraw li l-Ordni Templara bħal tilfet l-etos tagħha waqt li dik ta' San Ġwann laqgħet l-isfida taż-żminijiet u lestiet bil-mod il-mod biex taħbat għall-gżira ta' Rodi. U wara sensiela ta' battalji, fl-131O l-Ordni taħt il-Gran Mastru Fra Foulques de Vilaret rebħet il-gżira ta Rodi, u kien mir-rebħa ta' Rodi li l-Ordni żiedet l-appellazzjoni "sovrana" f'isimha.

F'Rodi naraw li l-Ordni bdiet tieħu bl-akbar serjetà is-saħħa navali tagħha. Dan kien beda sa minn żmien Ċipru meta l-Ordni kienet qiegħda tippjana l-attakk fuq Rodi. Imma f'Rodi l-Ordni fehmet li l-eżistenza tagħha kienet tiddependi għal kollox mill-iġfna u s-sengħa tat-taqbid fuq il-baħar. Bil-mod il-mod bniet flotta soda li bdiet tħares l-iġfna Kristjani u taħbat għal dawk Misilma. Il-bandiera tal-Ordni – hekk imsejħa l-bandiera tar-Reliġjon – kienet tnissel biża' kbir fl-iġfna Misilma kif kienet tidher għax kienu jafu li taqtigħa għal mewt kienet biss ftit minuti 'l bogħod. L-istess flotta kienet ukoll tagħti sehemha fil-ħbit tal-Insara fuq xi pajjiż jew kolonja Misilma bħal ma kienet il-ħabta fuq is-Sirja u fuq l-Eġittu u kienet ukoll tagħti s-sokkors fejn u meta meħtieġ bħal meta għenet lill-Kristjani taċ-Ċiliċja kontra l-qawwiet tal-Mislem li kien ħabat għaliha.

F'Rodi wkoll naraw għall-ewwel darba l-ġabra ta' kavallieri f'seba' gruppi separati li kienu jissejħu *langues*. Niftkaru li l-membri tal-Ordni kienu jiġu mill-Ewropa kollha u għall-bidu dawn kienu jinġabru taħt il-lingwi ta' Provence, Auvergne, Franza, l-Italja, Aragona ma' Navarra, l-Ingilterra mal-Iskozja u l-Irlanda, u l-Ġermanja. Fl-1462 Kastilja u l-Portugal infirdu minn ma' Aragona u ffurmaw it-tmien Lingwa. Fis-seklu ħmistax il-linga tal-Ingilterra ingħalqet minħabba l-attakk tar-re Neriku VIII fuq il-Knisja u t-telfa tal-proprjetà tal-Ordni fl-Ingilterra, imma fl-1782 twaqqfet lingwa msejħa Anglo-Bavaria.

L-Ordni ta' San Ġwann għamlet ġenna tal-art minn Rodi. Il-pajjiż li kien diġà għani fir-riżorsi naturali far bil-ġid taħt l-amministrazzjoni tal-Kavallieri. L-Ordni kull ma tmur issaħħet u hi nnifisha saħħet id-difiża Kristjana kontra l-qawwa Misilma li kienet dejjem tfittex li tixtered lejn il-Punent. Il-flotta navali bil-bandiera tal-Ordni kienet saret xewka kontinwa f'ġenb il-Mislem u Suleyman il-Manifku ħabat għall-gżira ta' Rodi numru ta' drabi u kull darba l-Ordni xeħtitu lura . Fl-aħħar, wara assedju li jkexkex, l-Ordni kellha ċċedi u fil-1 ta' Jannar 1523 telqet mill-gżira ta' Rodi bl-unuri militari kollha. Jingħad li Suleyman qabiżlu d-dmugħ meta ra lill-Gran Mastru L'Isle Adam, raġel xwejjaħ imma b'kuraġġ u rieda żonqrija, iħalli lill-gżira ta' Rodi.

Wara seba' snin li ma tafx x'sa jiġri jew ma jiġrix minnha, Karlu V, Imperatur ta' Spanja u re ta' Sqallija, ta Malta, Għawdex u t-Tripoli fl-Afrika ta' fuq lill-Ordni. Fis-26 ta' Ottubru 1530 il-Gran Mastru Fra Philippe de Villiers de l'Isle Adam bil-barka tal-Papa Klement VII ħa Malta fl-isem l-Ordni. Hawnhekk ukoll l-Ordni ta' San Ġwann bdiet iddejjaq lit-Torok u l-furbani bil-ħbit navali tagħha. L-iġfna tal-Ordni reġgħu bdew jaħbtu għal kull ġifen Mislem li jaraw u meta jiftlilhom kienu wkoll jagħmlu ħerba mill-portijiet tal-għadu f'attakki kontinwi. Għal darb'oħra, il-Mislem, b'armata li tkexkex ħabat għall-Ordni f'Malta fl-assedju msejjaħ 'il-kbir' li dam mit-18 ta' Mejju tal-1565 sat-8 ta' Settembru tal-1565. Malta u l-Ordni mmexxija minn Gran Mastru sod u għaqli – Parisot de Valette – ma ċedewx. Mar-rebħa ta' Malta, l-Ewropa kollha ferħet għalenija u jingħad li anke fl-Ingilterra Protestanta l-knejjes kollha daqqew il-qniepen. Fi kliem Voltaire: *Rien n'est plus connu que la siege de Malte* – m'hemm xejn iżjed magħruf mill-Assedju ta' Malta.

Wara l-Assedju l-Kbir, il-qawwa tal-Mislem bdiet tmur lura meta qalgħet daqqa tajba oħra fit-telfa tal-battalja ta' Lepanto fl-1571 fejn il-forzi navali tal-Kristjani taħt Don Giovanni tal-Awstrija għamlu ħerba mill-forza Misilma li kienet ikbar sew minn tagħhom. L-Ordni ta' San Ġwann kienet hemm ukoll tagħti sehem kbir f'dik il-battalja. Forsi ftit jafu li l-appellazzjoni lill-Madonna "Għajnuna tal-Insara" żdiedet b'ringrazzjament tar-rebħa tal-battalja ta' Lepanto.

Mill-1530 sal-1798 id-destin tal-Ordni kien imwaħħad ma' dak ta' Malta. Fil-ġid u fil-għaks l-Ordni u Malta mxew flimkien, daqqa tajjeb u daqqa ħażin. Kien hemm Gran Mastri ħorox u ebsin li għakksu lill-Malti u kien hemm oħrajn li għamlu li setgħu għall-poplu tagħna. Tajjeb jew ħażin b'mod ġenerali l-Ordni għamlet minn Malta gżira unika li isimha xtered mal-Ewropa kollha. Il-kavallieri ġabu Malta l-aqwa periti, pitturi, artiġjani u inġiniera, ġabu l-aħjar mgħallmin tas-snajja' tal-bini tax-xwieni, ġabu nies li jaħdmu l-ħadid u l-bronż, li jibnu l-kanuni u l-armi, l-aħjar polveristi u strateġisti. Li ma kinetx l-Ordni, kieku Malta baqgħet gżira ċkejkna qisha Pantellerija. Id-destin li tella' l-Ordni fuq ġarr miegħu wkoll lil gżiritna.

Ma naqasx ukoll il-progress mediku kemm bil-bini tas-Sacra Infermerija u kemm bl-għerf mediku li l-Ordni kienet titlob fit-tobba u l-kirurgi tagħha. U mit-tagħlim ta' dawn laħqu wkoll tobba u kirurgi Maltin li wħud minnhom kienu stilel fil-firmament mediku tal-Ewropa. Insemmu lil Ġużeppi Barth li laħaq okulista imperjali fi Vjenna, lil Mikiel Angelo Grima li għamel isem f'Malta u wkoll f'Pariġi u li l-kotba tiegħu ġrew fl-Ewropa kollha. Il-poplu dejjem gawda mill-aspett mediku li miegħu wkoll kien hemm marbuta għajnuna soċjali għal min hu magħfus ħafna u kellu wkoll is-salib tal-mard.

Fis-sena 1798, l-Ordni tkeċċiet minn Napuljun li daħal f'Malta b'qerq u tradiment ta' ħafna nies, fosthom bosta kavallieri Franċiżi li kienu ilhom jikkorrispondu mad-direttorat ta' Franza. Wara snin ta' ġiri 'l hawn u 'l hinn fl-aħħar l-Ordni ddeċidiet li tneħħi kull ambizzjoni militari u tintefa' biss għall-għajnuna filantropika tal-proxxmu hu x'kulur hu u jħaddan liema reliġjon iħaddan. Hekk reġgħet seħħet il-ħolma oriġinali tal-Beatu Ġerardu. Il-lum l-Ordni hija sovrana u rikonoxxuta daqstant fi 'l fuq minn mitt pajjiż, fosthom Malta. Dawn il-pajjiżi li jirrikonoxxu l-Ordni ta' San Ġwann għandhom ambaxxaturi li jirrappreżentawhom fi ħdan l-Ordni ġewwa Ruma.

U l-bandiera tal-Ordni tittajjar minn fuq bosta sptarijiet u postijiet ta' kenn u kura mad-dinja kollha. L-Ordni għandha programmi ta' kura kontra d-droga u l-alkoħoliżmu u wkoll progammi għan-nisa tqal infettati bl-HIV u l-AIDS. Tiġġieled kontinwament kontra l-lebbra. U kull fejn hemm it-tbatija, l-uġigħ u l-qerda jew xi katastrofi naturali kif ukoll gwerer u moħqrija tal-bniedem innifsu, hemm tinstab il-bandiera tal-Ordni, hekk, kif ħolmu li jaraw iżjed minn elf sena ilu par għajnjen ta' raġel twajjeb u mgħobbi biż-żmien li kien jismu Ġerardu.


# GODFREY'S GARAGE

Triq Ġoswalda Calleja, Żurrieq ZRQ 05

Tel: 2168 2095 Mob: 7968 2095



Għal xogħol ta' Tellar u Ġbid ta' Chassis

bis-Sistema kompluta tal-pressa (Car Bench).

Għal kwalunkwe tip ta' mudelli ta' karrozzi

**Jawgura l-Festa t-Tajba lill-Ħalsafin kollha**